**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri)**

**-vs-**

**Shana Vella, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 271495M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 320/2023*

Illum, 23 ta' Mejju, 2023,

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Shana Vella** u ċioe talli:

Bejn Ottubru 2019 u Marzu 2023 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Iffalsifikat ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentement għamlet użu minn waħda mill-karti ffalsifikati msemmijin fl-Artikoli 166, 167 u 168 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta;

3. U aktar talli għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħalqet pattijiet, dispożizzjoniiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħlet dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew

ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artikoli 183 tal-Kapitolu 9 ta-Liġijiet ta'Malta;

5. U aktar talli, għamlet jew tat dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz;

6. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz;

7. U aktar talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000) bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra;

8. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, i-Gvern ta'Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamlet qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000).

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali w ċioe wara li l-imputata wieġbet li hi ħatja għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħatat żmien xieraq sabiex jekk riedet terġa lura minnha u dan anke billi kkonsultat mal-legali tagħha hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħha, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputata, tal-fatt li wriet kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-fedina penali netta tagħha w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ senjatament il-fatt li l-imputata daħħlet f'arranġament mad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali sabiex tagħmel restituzzjoni *in toto* tar-*res furtiva.*[1]

Ġie kunsidrat li l-ewwel sitt imputazzjonijiet huma alternattivi għall-xulxin bil-fatti tal-każ jinkwadraw rwieħom fit-tieni imputazzjoni.

Inoltre it-tieni imputazzjoni serviet bħala mezz ai fini għas-seba' imputazzjoni li ngħatat bħala imputazzjoni alternattiva għat-tmien imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 167(1), 169, 308, 310(1)(a) u 310BA tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputata ħatja tat-tieni, tas-seba' w tat-tmien l-imputazzjoni, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannaha għall-perijodu ta' **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għall-<u>tletin (30) xahar mill-lum.</u>

[1] €20,212.52c

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabiltà tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk hi tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Inoltre a tenur tal-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputata li tagħmel il-pagament lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali ta' dak dovut minnha lill-imsemmi dipartiment skond ir-*repayment programme* datat it-13 t'April, 2023, li informazzjoni dwaru (u kif dokumentat) ingħatat illum mill-imputata w liema *programme* ġie konfermat mir-rappreżentant tad-Dipartiment.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**